**Diskors tal-Prim Ministru Robert Abela f'konferenza tal-aħbarijiet wara l-pubblikazzjoni tar-rapport finali tal-Inkjesta Pubblika dwar l-inċident fatali li seħħ f'Kordin nhar it-3 ta' Diċembru 2022**

Iktar kmieni llum il-bord fl-inkjesta pubblika Jean Paul Sofia għaddieli kopja tar-rapport finali. Kif tafu, u kif kont intrabatt li nagħmel, ippubblikajt ir-rapport sħiħ b'mod immedjat. Illejla, fl-ewwel seduta parlamentari, wara l-preżentazzjoni tar-rapport, il-Parlament se jiddibatti dan ir-rapport. Fil-fatt, proprju lbieraħ filgħaxija l-Gvern aġġorna l-Kamra b'din id-diskussjoni fuq l-aġenda.

It-termini ta' referenza li kienu ippubblikati fit-tnejn ta' Awwissu, jitolbu dibattitu parlamentari f'għeluq sena mit-tqegħid ta' dan ir-rapport fuq il-mejda tal-Kamra. Però d-dover jitlob li fil-Parlament ikun hemm ukoll diskussjoni mmedjata. Dan biex min-naħa tal-Gvern nagħtu indikazzjoni ċara ta' kif nemmnu li għandha tkun it-triq 'il quddiem għall-implimentazzjoni ta' dan ir-rapport u r-rakkomandazzjonijiet li għamel il-bord tal-inkjesta.

Din hi okkażjoni oħra biex inkomplu nimbottaw 'il quddiem il-bidla li diġà bdejna fis-settur tal-kostruzzjoni. Biex nilħqu standards dejjem ogħla li rridu. F'dawn l-aħħar xhur implimentajna u wettaqna numru ta' bidliet importanti, iżda dawn mhumiex

biżżejjed. Jeħtieġ nagħmlu iktar biex iċ-ċittadini tagħna partikolarment li jkunu milqutin minn xogħol ta' kostruzzjoni, ikollhom is-serħan il-moħħ sħiħ li dan is-settur qed jopera b'mod li jirrispetta lilhom.

U għalhekk li bħala Gvern nifhmu u nirrikonoxxu li l-bidla fis-settur trid tingħata prijorità ikbar. Kien għalhekk li fil-ħatriet il-ġodda li għamilt fil-Kabinett ta' Jannar li għadda ħtart Ministru, lill-Ministru Jonathan Attard, responsabbli mir-riforma fis-settur tal-kostruzzjoni. L-enfasi fuq ir-riforma ma kinitx kumbinazzjoni. Neħtieġu riforma ħolistika u hekk se nkunu qegħdin nagħmlu.

Dalgħodu se naqsam magħkom miżura oħra. Ser naħtar sotto-kumitat tal-Kabinett, ikkordinat mill-Kap tas-Segretarjat tiegħi Glenn Micallef, biex imexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni u t-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet tal-inkjesta Jean Paul Sofia. Dan hu mudell li użajna fil-pandemija. Huwa wkoll mudell li użajna fil-proċess biex Malta ħarġet mill-greylisting. Huwa mudell li ħadem u se nerġgħu nħaddmuh.

Nemmen li l-bidliet li hemm bżonn, jekk irridu nwettquhom iktar malajr, jeħtieġu sforz wiesa', u dak huwa l-ewwel sinjal li se nibagħtu bħala Gvern. Filwaqt li tifhmu li għad irrid nibda nħares lejn ir-rapport fid-dettall għax ilu għandi inqas minn sagħtejn,

nista' niddikjara li se nidħlu b'rieda li nwettqu d-disgħa u t-tletin rakkomandazzjoni.

Mal-ewwel daqqa t'għajn hemm uħud li saħansitra diġà beda xogħol fuqhom, hemm oħrajn li huma wkoll inklużi fil-manifest elettorali. Fi żmien sena, bit-termini ta' referenza, aħna obbligati li nagħtu rendikont lill-Parlament ta' x'se nkunu wettaqna. Iżda, id-deċiżjoni li ħadt kienet li mhux se nistenna sena iżda b'mod kontinwu se nara li nżommu aġġornati lill-familja ta' Jean Paul Sofia u lis-soċjetà bl-implimentazzjoni ta' dan ir-rapport. Mal-familja ta' Jean Paul Sofia tkellimt diversi drabi inkluż hawn fl-uffiċċju tiegħi. Iddiskutejna ħafna u dejjem qbilna fuq aspett wieħed importanti ħafna, li teħtieġ li ssir ġustizzja.

Kif diġà stqarrejt meta ħabbart din l-inkjesta pubblika kien hemm mumenti fejn minflok inġbidt lejn l-emozzjonijiet tiegħi u li kelli bħala missier, tajt enfasi akbar lill-aspett legali. Hija esperjenza li minnha tgħallimna ħafna u dawk it-tagħlimiet se nikkonvertuhom f'xogħol biex inġibu l-bidla kollha li hija meħtieġa fis-settur tal-kostruzzjoni. Dan irid ikun settur illi neċessarjament irid jopera bl-ogħla standards għal-lum il-ġurnata. Irrid nirringrazzja lill-bord ta' inkjesta tax-xogħol li wettaq. Xogħol twettaq f'perjodu tajjeb ta' seba' xhur. U jidher li l-bord kien effiċjenti f'xogħlu u jidher li analizza sew t-termini ta' referenza waħda waħda fid-dettall.

Mill-ewwel indikazzjonijiet ninnota kif filwaqt li kien kritiku ta' kif saret l-allokazzjoni tal-art, jgħid b'mod ċar li ma kienx hemm rabta bejn l-allokazzjoni tal-art u l-inċident. Jitkellem ukoll fuq il-ħtieġa ta' infurzar iktar robust u kkordinat u filwaqt li rrikonoxxa bidliet li diġà saru, għamel ukoll id-disgħa u tletin rakkomandazzjoni tiegħu.

Quddiem dan kollu se nassumu l-irwol tagħna ta' Gvern li jrid jimplimenta u jimplimenta bis-serjetà. Fuq ir-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mir-rapport hemm il-kumitat interministerjali. Però dalgħodu nixtieq inħabbar ħames inizjattivi li diġà bdejna naħdmu fuqhom u se nagħtuhom prijorità immedjata.

L-ewwel waħda. Il-vuċi liċ-ċittadin. Leħen ikbar liċ-ċittadin. U x'inhi r-realtà meta ċittadin jiġi riinfaċċat minn dan is-settur? Iċ-ċittadin ħafna drabi jħossu żgħir u ma jistax ilaħħaq mal-pressjonijiet li s-settur iġib miegħu. U għalhekk se noħolqu sistemi li jagħtu aċċess aħjar u iktar b'saħħtu biex iċ-ċittadin ikun jista' jagħmel l-argumenti tiegħu meta jħoss li n-nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti jkunu qed ipoġġuh f'inċertezza jew b'mod li jħossu insigur ġewwa daru. Għalhekk se naraw li tkun provduta assistenza professjonali mingħajr ħlas kemm bl-għajnuna ta' avukati u periti taħt il-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma fis-Settur tal-Kostruzzjoni li jkun jista' jservi ta' punt ta'

referenza u vuċi għaċ-ċittadini li jħossuhom żgħar quddiem id-diffikultajiet li jġib miegħu ċertu żvilupp. B'mod partikolari qed nirreferi għal dak l-iżvilupp li ma jkunx qed isir b'mod maħsub. L-enfasi hawn se tkun fuq il-perjodu tal-kostruzzjoni. Nemmen li b'mod immedjat irridu nagħtu lok usa' u leħen ġdid liċ-ċittadin fejn issemma leħnu. Għalhekk se nitkellem mal-Uffiċċju tal-Ombudsman biex il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar, il-Perit Alan Saliba, ikollu r-*remit* tiegħu estiż ukoll għall-Kostruzzjoni.

It-tieni inizjattiva. L-Infurzar. Jidher ċar li minkejja li fl-aħħar snin żidna sew l-investiment fl-infurzar huwa ċar li jeħtieġ li jsir ferm iktar. Joħroġ ċar li għandu jkun hemm taqsima ċentralizzata li tissorvelja l-infurzar kollu fis-settur tal-kostruzzjoni. Pari passu biex insaħħu l-infurzar se jinħoloq *helpline* purament iffukat fuq is-settur tal-kostruzzjoni. Ma tista' tiġi tollerata qatt ċirkostanza jew realtà li meta bniedem qed jiffaċċja inkonvenjent mill-kostruzzjoni, awtorità tibagħtu għand oħra. Irid ikun hemm helpline ċentrali li jilqa' l-ilmenti mbagħad ikun il-helpline li jirreferi fejn meħtieġ. Naturalment is-sistema ċentralizzata se tiffaċilita biex dan isir.

It-tielet. Sas-sajf se jkollna liġi ġdida tal-OHSA, Kapitlu 424. Il-proċess beda, il-konsultazzjoni saret, issa jeħtieġ li tidħol il-liġi li tirriforma l-mod kif taħdem din il-liġi.

Ir-raba'. Se titneħħa kull distinzjoni bejn binja li hija *stand-alone* u m'hemmx binijiet terzi ħdejha. Sal-ġimgħa li għaddiet għamilna pass ieħor f'dan ir-rigward, fil-ġimgħat li ġejjin din id-distinzjoni tkun tneħħiet għalkollox. L-azzjonijiet li diġà ħadna huma wkoll prova li nkluż mill-osservanza tal-proċedimenti tal-inkjesta bdejna wkoll diġà nieħdu l-passi li huma meħtieġa.

Il-ħames inizjattiva. Huwa minnu li l-inkjesta ma sabitx rabta bejn l-allokazzjoni u l-inċident. Però nieħdu nota ta' ċertu kritika fuq l-allokazzjoni tal-art f'dan il-każ u għalhekk ser jkun qed isir audit tal-proċessi ta' allokazzjoni biex naġġornaw kull fejn meħtieġ.

Dawn huma ħames azzjonijiet immedjati u bi prijorità. Azzjonijiet li jibnu jew jikkumplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport. U huwa ċar li s-settur tal-kostruzzjoni bilfors irid jgħolli l-istandards tiegħu għal dak li ċ-ċittadini jippretendu llum il-ġurnata.

Sar ħafna. Iżda baqa' ħafna xi jsir. Kif tgħid l-inkjesta rridu nirkupraw ħamsin sena. Ħamsin sena ta' mentalità żbaljata li biex inkabbru s-settur innaqqsu r-regolamentazzjoni. Mhux se naqtgħu qalbna. Irridu industrija li taħdem bl-ikbar rispett lejn iċ-ċittadini kollha tagħna. Industrija li tħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħna. U rridu bidla mifruxa fil-mentalità. Iva, rridu

niskussjaw mentalità ta' ħamsin sena. Kulħadd jista' jaħdem, imma rridu naħdmu bi standards ogħla u b'regolamentazzjoni li jirrispettaw iċ-ċittadini kollha. Ir-rakkomandazzjonijiet pubbliċi u ċari għal kulħadd. Il-poplu se jkun jista' jiġġudikana fuq l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomadazzjonijiet.